Uffiċċju Komunikazzjoni
ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

*25 ta' Ġunju, 2010*

86/2010

## L-EWWEL TQARBINA U L-GRIŻMA TAL-ISQOF GĦAT-TFAL TAL-EMIGRANTI

Il-Kummissjoni Emigranti tal-Knisja f'Malta tixtieq tavża li l-Ewwel Tqarbina u l-Grizma tal-Isqof għall-ulied ta' emigranti Maltin, matul ix-xhur tas-sajf, se jinżammu f'dawn il-ġranet:

**L-ERBGĦA 28 TA' LULJU u L-ERBGĦA 25 TA' AWWISSU**

Il-Kummissjoni Emigranti tavża wkoll li biex ulied l-Emigranti jkunu jistgħu jersqu għal dawn is-Sagramenti jkun meħtieġ:

1. li t-tfal ikollhom seba' snin magħluqa għall-Ewwel Tqarbina u għaxar snin magħluqa għall-Griżma tal-Isqof.

2. li jippreżentaw iċ-ċertifikati:

    - tal-Magħmudija
    - tal-Ewwel Tqarbina jekk ikunu ser jagħmlu l-Griżma
    - permess bil-miktub tal-Kappillan tal-Parroċċa tagħhom barra minn Malta.
    - ċertifikat ta' attendenza tal-kors preparattiv għas-sagrament li jkunu ser jagħmlu.

3. li t-tfal kif ukoll il-ġenituri jattendu għal-lagħat li jinżammu f' Dar l-Emigrant, Valletta.

Il-Kummissjoni Emigranti ma taċċettax li jersqu tfal għal dawn is-Sagramenti bla preparazzjoni u bla permess tal-Kappillan tal-parroċċa tagħhom barra minn Malta.

Il-ġenituri li taħt dawn il-kundizzjonijiet jixtiequ li wliedhom jersqu għas-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina u/jew tal-Griżma għandhom japplikaw sal-aħħar ġimgħa ta' Ġunju.